DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 80/2008

ta' l-4 ta' Lulju 2008

li temenda l-Anness IX (Is-servizzi finanzjarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 66/2008 tas-6 ta' Ġunju 2008 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1569/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi mekkaniżmu għad-determinazzjoni ta' l-ekwivalenza għall-istandards tal-kontabilità applikati mill-emittenti tal-pajjiżi terzi ta' titoli skond id-Direttiva 2003/71/KE u 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jkun inserit wara l-punt 29ga (id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/14/KE) ta' l-Anness IX mal-Ftehim:

"29h. **32007 R 1569**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1569/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi mekkaniżmu għad-determinazzjoni ta' l-ekwivalenza għall-istandards tal-kontabilità applikati mill-emittenti tal-pajjiżi terzi ta' titoli skond id-Direttiva 2003/71/KE u 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 340, 22.12.2007, p. 66)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1569/2007 bil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-5 ta' Lulju 2008, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 4 ta' Lulju 2008.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

H. S. H. Prinz Nikolaus von LIECHTENSTEIN

([1]) ĠU L 257, 25.9.2008, p. 29.
([2]) ĠU L 340, 22.12.2007, p. 66.
(*) Ħtiġijiet kostituzzjonali huma indikati.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Partijiet Kontraenti dwar id-Deċiżjoni Nru 80/2008 li tinkorpora r-Regolament Nru 1569/2007 fil-Ftehim

"Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1569/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi mekkaniżmu għad-determinazzjoni ta' l-ekwivalenza għall-istandards tal-kontabilità applikati mill-emittenti tal-pajjiżi terzi ta' titoli skond id-Direttivi 2003/71/KE u 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'ħafna Artikoli tittratta r-rekwiżiti ekwivalenti għal pajjizi terzi. L-inkorporazzjoni ta' dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-ambitu tal-Ftehim taż-ŻEE."